MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 182/2008

**Mobisle Communications Limited (C - 24655)**

**-vs-**

**Joseph Grech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' mija u tnejn u erbghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€142.81) – (Lm61.31) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 1500740 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjetà attrici u dana fix-xhur ta' bejn April 2006 u Settembru 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' mija u tnejn u erbghin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€142.81) - (Lm61.31c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------